MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 145/2011

**Il-Pulizija**

**(Spt. Anthony Agius)**

**Vs**

**Carmela Agius**

**Illum 29 ta' Jannar, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Guido Agius Furniture Ltd (C 10815) ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont

id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2011, li biha, l-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-appellata w iddikjarat l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellata preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellata hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghha w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fis-7 ta' Marzu, 2011 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.

Illi l-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1)(b)(iv) tal-Kap. 9.

Illi kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza, l-istess xhud in difeza Guido Agius ammetta li l-formoli mensili (FS5) fil-maggornaza taghhom ma ntbaghtux u allura bhala stat ta' fatt l-appellata wettqet ir-reati msemmija aktar il-fuq u l-kwistjoni kollha hi dwar jekk l-azzjoni hiex preskritta jew le.

Illi l-esponenti jissottometti illi hawnhekk si tratta di reat permanenti u ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati applikat l-artikolu 688(e) b'mod zbaljat u dan ghaliex fil-kaz ta' reati permanenti bhal fil-kaz odjern, se mai kellu japplika l-artikolu 691(1) tal-Kap. 9 li jghid espressament illi ghar-reati permanenti, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat. Illi in oltre l-proviso tal-artikolu 23(12) tal-Kap. 372 jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu, filwaqt li l-proviso tal-artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa` jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma w hares id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih. Illi dan essenzjalment ifisser li ma jkun hemm l-ebda preskrizzjoni, u dan kif gie imfisser fis-sentenza l-ismijiet "Il-Pulizija vs Avukat Dottor Albert Ganado" fejn il-Qorti rriteniet illi *"Il-perjodu tal-preskrizzjoni jista' jibda biss meta tittermina l-vjolazzjoni, u* ***ghalhekk f'kaz ta' reat permanenti ma hemmx preskrizzjoni"***

Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost, l-esponent hu tal-fehma li l-Qorti tal-Magistrati ma setghatx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa stante li gie pruvat li l-appellat mhux konformi mal-ligi u stante li r-reati imputati lilu jibqghu jezistu sakemm l-istess appellat ikun konformi ma w jhares id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tal-elf disa' mija disgha u disghin (1999) l-appellata Carmela Agius giet mahtura direttur tas-socjetà Guido Agius Furniture Limited. Din is-socjetà spiccat b'diffikultajiet finanzjarji kbar u ma baqghetx aktar topera u fit-tnax

(12) ta' Mejju tal-elfejn u wiehed (2001) intbaghat il-form K tar-rizenja tal-appellata Carmela Agius. Din il-form K giet iffirmata mid-direttur l-iehor Guido Agius. Jidher però illi s-socjetà msemmija naqset fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni billi tibghat id-dokumenti ghas-snin elf disa' mija tmienja u disghin (1998) sal-elfejn u sitta (2006) u ghalhekk bhala direttur tas-socjetà giet imharrka biex twiegeb ghall-akkuza kif tidher fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza moghtija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tal-elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Magistrati wara li ikkunsidrat illi l-appellata irrizenjat minn direttur fit-tnax (12) ta' Mejju tal-elfejn u wiehed (2001) u qieset ukoll in-notifika tal-prezentata tal-proceduri odjerni, iddikjarat l-azzjoni preskritta u konsegwentement illiberat lill-appellata minn kull imputazzjoni u htija.

L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni tal-ligi zbaljata meta iddikjarat l-azzjoni preskritta.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi din il-Qorti digà kellha diversi okkazjonijiet sabiex tiddikjara illi r-reati kontemplati taht il-Kap 372 huma ta' natura permanenti u direttur jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara li jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" (proviso artikolu 23(13) Kap 372) ma fiha ebda definizzjoni partikolari tal-kariga irrespettivament jekk dak li jkun ikunx ghadu direttur jew le. Però persuna, direttur jew le, jista' jkollha success fl-eccezzjoni taghha jekk hija tipprova almenu sal-grad tal-probabilità illi kienet fl-impossibiltà illi tottempora ruhha mal-ligi imhabba raguni jew ohra inkluza l-prova illi ma kinitx hi illi ghamlet ir-reat fil-bidu nett (ara Pulizija versus Joseph Mary Debono, Appell Kriminali, 9 ta' Dicembru 2011).

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi r-ragel tal-appellata Guido Agius, kien direttur tas-socjetà Guido Agius Furniture Limited u bhala bhala ko-direttur kellu lil huh Giuseppe. Meta dan irrezenja fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tal-elf disa' mija disgha u disghin (1999) dahhal lill-appellata martu Carmela Agius bhala direttur tal-kumpanija. Irrizulta ampjament ippruvat illi l-formola tan-nomina bhala direttur giet iffirmata minn Guido Agius u wkoll gie ippruvat fi grad li trid il-ligi illi l-appellata ma kellha l-ebda rwol fil-management jew tregija tas-socjetà Guido Agius Furniture Limited. Guido Agius xehed quddiem il-Qorti illi meta hu appunta lil martu bhala direttur ma kienx qallha b'dan il-pass u lanqas kien talab l-aderzjoni taghha ghall-fatt illi kien innominaha bhala direttur. Meta l-affarijiet marru mill-hazin ghall-aghar l-istess Guido Agius baghat il-form K tar-rizenja tal-appellata Carmela Agius bhala direttur. Dan ukoll sar ad insaputa ta' martu li kienet u baqghet mara tad-dar minghajr ma hadet xi rwol effettiv fil-kumpanija.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hija sodisfatta illi minn dawn ic-cirkostanzi tista' tasal ghall-konkluzjoni illi ma kinitx l-appellata Carmela Agius illi wettqet ir-reat fil-bidu nett. Il-management u direzzjoni tal-kumpanija kien f'idejn totali ta' Guido Agius u jekk kien hemm xi nuqqas fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ir-responsabiltà ta' dan ghandu jaqa' nettament fuq Guido Agius u mhux fuq id-direttur l-iehor, martu Carmela Agius. Veru illi din il-Qorti argumentat precedentement illi kull direttur anke jekk ma jkunx ezekuttiv ghandu l-obbligu illi jassigura illi l-ligijiet jigu osservati u r-regolamenti versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigu applikati fejn hemm bzonn u avolja dan id-direttur ma jkunx parti mill-management tal-kumpanija xorta jkun responsabbli jekk il-kumpanija jkollha xi nuqqas. Dan il-kaz però huwa differenti peress illi l-appellata ma kinitx taf mill-bidu nett illi hija kienet direttur tal-kumpanija u dan ibiddel ix-xenarju kompletament peress illi l-appellata ma kinitx f'pozizzjoni illi tassigura t-twettieq tal-obbligazzjonijiet versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali biss in parti, thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija fejn iddikjarat l-azzjoni preskritta u wara li din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid ma ssibx lill-appellata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u konsegwentement tordna li tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------